9 Leġiżlatura

**MINUTI Numru 40**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali**

**Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 40 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 13 ta' Jannar 2022, fil-5:30 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.**

**Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.**

Elke Sghendo
Deputat Aġent Segretarju Eżekuttiv

6 ta' Jannar, 2022

---

Membri Preżenti :

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier

Membri Onlajn :

- Graziella Galea — Kunsillier
- Daryl Connor — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier (17:45)
- Antoinette Bezzina — Kunsillier (17:45)
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier (18:30)
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier (17:50)

**Il-Laqgħa bdiet fil-5.30pm.**

**40.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-Kunsill ma rċieva l-ebda notifikazzjoni ta' apoloġija.
Inġibdet l-attenzjoni biex jiġi vverifikat eżatt x'tgħid il-liġi dwar in-notifikazzjonijiet.

**40.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (39)**

Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 39 hekk kif tressqu.

Il-Kunsillier Paul Bugeja għamel kjarifikazzjoni dwar minuta imniżżla f'paġna 8 fejn hu ġibed l-attenzjoni li l-Kunsillier Graziella Galea tifforma parti minn Infrastruttura Malta u li hi, skond il-minuti, għax hu ma pparteċipax fil-laqgħa għax iddikjara kunflitt ta' interess, qalet li ma ssemmitx l-Infrastruttura Malta. Qal li ma jfissirx li għax ma ssemmitx Infrastruttura Malta kunflitt ta' interess ma hemmx meta x-xogħolijiet se jsiru minnha.

Il-Kunsillier Graziella Galea irrimarkat li la hi u l-anqas il-Kunsillier Paul Bugeja ma ddikjaraw kunflitt ta' interess dak il-ħin u tħoss li ma kienx hemm ħtieġa li jiġi dikjarat għax Infrastruttura Malta ma ssemmitx.

**40.3 Punti mill-Minuti**

- **Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**
  Is-Sindku nforma li jeħtieġ li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment Kunsilli Lokali biex jaħtar persuna fil-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv minn Kunsill ieħor. Dan konsegwenza li l-kariga ġiet vaganti u ma nstabitx persuna fil-Kunsill minn Skala 11 l'fuq biex tokkupa l-kariga. Il-Kunsillier Paul Bugeja issekonda l-proposta.
  Il-Kunsill approva nem.con.

  Daħlu għall-laqgħa il-Kunsilliera Antoinette Bezzina u Anthony Angelo Attard fis-17:45.

- ***Installation of Charging Pillars* – Ħatra ta' Kumitat**
  Il-Kunsilliera magħżula huma Stephen Cremona, Chris Vella Petroni u Anthony Delia.

  Daħal għall-laqgħa il-Kunsillier Chris Vella Petroni fis-17:50.

- ***Non-urban grass cutting* – Sentenza tal-Qorti**
  It-*tender* ma ġiex evalwat mill-ġdid minħabba l-festi.

- **Finanzjament Milied 2021**
  Is-Sindku Alfred Grima qal li l-kumpanija tal-Periti DTR sponsorjaw bi 300 euro *drawing books* biex jitqassmu fil-Parati tal-Milied minflok ħelu. F'isem il-Kunsill irringrazzja lill-kumpanija għal dan il-ġest.

- **Kors ECDL**
  Il-Kunsill ġie nfurmat li ż-żmien għall-kors ta' l-ECDL ġie estiż sa Frar 2022 minħabba li TCTC ipprintjaw 5,000 *flyer* biss meta fil-lokalita' hawn circa ta' 12,300 residena.

- **Każ Ta' Fra Ben sena 2009**
  Il-Kunsillier Paul Bugeja 'ddikjara kunflitt ta' interess.
  Il-Kunsill ġie nformat mill-*Accountant* li apparti l-ordni ta' sekwestru G/O 1908/18C fl-ammont ta' €453,154.64, jidher li tħallsu ukoll €11,496.64 spejjes tal-Qorti u €23,497.43 *retaining fee* ta' l-Avukat għall-perjodu 25/11/2013 – 24/11/2020.
- Il-Viċi Sindku għamel referenza għal mistoqsijiet li hu kien ressaq f'*item* 39.5.9 wara li l-Kunsillier Paul Bugeja irrimarka li l-mistoqsijiet tal-Viċi Sindku ma ġewx imwieġba. Staqsa jekk il-Kunsill kienx ħallas *allowances*, *bonuses* etċ fix-xahar l'fuq mis-salarju tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti eskluż *bonuses* statutorji? Jekk fil-pożittiv kemm kien l-ammont li tħallas fix-xahar u minn meta beda?

Minn informazzjoni provduta mill-*Accountant* tal-Kunsill jirriżulta, li l-Kunsill ħallas *Qualification Allowances* ta' €1,048.22 għall-perjodu bejn l-4 ta' Ġunju 2018 u l-31 ta' Diċembru 2019, €698.75 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020, €261.54 għall-perjodu bejn is-16 ta'Awwissu 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021.

Intqal, li dwar l-istess *qualification allowance* l-Kunsill wassal rapport mingħand il-*Finance & Procurement Office* fi ħdan id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali bis-segwenti rakkomandazzjoni.

**In conclusion, from findings of this report, the following actions are recommended:**

a. **The Executive Secretary should be obliged to refund all qualification allowance prior to August 2021, the date when the required application was made.**
b. **The Council should contact the Inland Revenue Department to ascertain that related tax dues are in order and proceed in line with paragraph 3 above.**

Is-Sindku qal, li l-fatt li l-istess rapport hu ndirizzat lid-Direttur Ġenerali u mhux lill-Kunsill, hu talab lill-Avukat tal-Kunsill biex jagħtih parir x'suppost isir. Fl-opinjoni ta' l-Avukat, il-Kunsill hu marbut bir-rapport inkwistjoni. Għalhekk, għandhom jintalbu l-flus lura u l-Kunsill jistabbilixxi data sa meta għandhom jaslu lura għand il-Kunsill dawn il-flus.

Il-Kunsilliera ġew informati li b'rispett lejn il-liġi tad-Data, l-ittra sħiħa ta' l-Avukat tal-Kunsill, ir-rapport u r-risposti mhux se jkunu preżentati waqt il-laqgħa imma se jkunu disponibbli fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li r-risposta ta' l-Avukat tal-Kunsill tintbagħat lid-Direttur Ġenerali għall-kummenti tiegħu u li dan is-suġġett jitla f'laqgħa oħra.

- **Impjieg *Operative Hand* – Skala 18**
  Wara li d-Dipartiment ta l-approvazzjoni tiegħu, is-sejħa nħarġet internament.
- **Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**
  Id-Dipartiment ta l-approvazzjoni tiegħu biex tinħareġ sejħa pubblika ġdida fejn daħlu żewġt applikazzjonijiet. Persuna minnhom informat li ma kinitx interessata aktar fl-impjieg

minħabba li kien mingħalih li x-xogħol kien relatat ma l-ipproċessar ta' permessi. It-tieni applikant ġie mitlub jipproduċi evidenza ta' 5 snin esperjenza fil-*Middle Management* għaliex naqas milli jippreżenta ċ-ċertifikati mitluba. L-istess persuna bagħat jinforma lill-Kunsill li ma għadux interessat fil-kariga. Għaldaqstant l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet rikjesta ġdida mad-Dipartiment għall-ħruġ tar-raba' sejħa pubblika.

- **Responsabbiltajiet tal-Kunsilliera**
  Is-Sindku qal li bi żvista fil-laqgħa preċedenti ma ssemmiex li s-Sindku se jkun il-persuna li mill-leġiżlatura l-ġdida se jibda jattendi għall-laqgħat tar-Reġjun Tramuntana bil-Viċi Sindku jissostitwieh.

  Il-Kunsill qabel li dwar dan għandha tintbagħat notifika lir-Reġjun Tramuntana.

- **Ġnien Millenju – Stima tal-pond**
  Il-Kunsill estenda ż-żmien ta' *RFQ* għal xiri ta' irħam għax ħadd ma wera nteress.

- **Klejm Sinj. A. Scerri – 355 euro**
  Il-Bord maħtur ta' l-ilmenti fil-konfront tal-Kunsill unanimament irrakkomanda li l-ilment li tressaq mis-Sinj. A. Scerri għall-valur ta' 355 euro kien validu u ppropona li jiġi milqugħ.
  Il-Kunsill approva.

  Inġibdet l-attenzjoni tal-membri tal-Bord biex fl-laqgħa oħra jiġi ppreżentat rapport.

- **Kontijiet GO plc**:
  Il-kumpanija GO plc offrit skont b'valur ta'1,000 euro li jinkludi telefon ċellolari, jekk il-Kunsill jiffirma kuntratt ta' 3 snin. L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sinj. Elke Sghendo informat li t-tekniċi kkonkludew li l-problema tal-*live streaming* ġejja minn Wi-Fi bagħtut u għalhekk jeħtieġ li jinxtara *modem*.
  Il-Kunsill approva t-tiġdid tal-kuntratt u x-xiri tal-*modem*.

**40.4 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

- **Taħriġ għall-impjegati fis-sistema tal-permessi**
  Il-Kunsill ġie nfurmat li s-sistema tal-permessi se tinbidel u li l-impjegati se jattendu għat-taħriġ meħtieġ.

- ***Visual Non Visual Network Organization*** – Proġett pilota għas-sena 2022
  Il-Kunsill intalab jipparteċipa fi proġett pilota ta' *Non Visual Network Organisation* (VNVN) bl-għan aħħari jkun li ftit metri mill-bankini ta' fejn jgħixu persuni nieqsa mid-dawl jkollhom tema ta' inklużjoni viżiva mhux viżiva billi jinżebaw b'żebgħa sewda b'ikoni ta' l-għomja bojod.

  Daħlet għall-laqgħa il-Kunsillier Anne Marie Fenech fis-18:50.

  Il-Kunsill huwa favur il-parteċipazzjoni tiegħu fil-proġett, biss, xettiku dwar li jiġu ddentifikati żoni partikolari fejn jgħixu persuni nieqsa mid-dawl. Fl-opinjoni tal-Kunsill

dan jaf jagħmel lil dawn il-persuni vulnerabbli għall-kriminalita'. Il-Kunsill wera l-fehma tiegħu li titqajjem aktar kuxjenza favur bankini nieqsa minn kull inkonvenjent.
Il-Kunsill approva li jipparteċipa fil-proġett.

- ***Walking and cycling signage in* San Pawl il-Baħar**
  Il-Kunsill ġie kkuntatjat dwar proġett *Nudging Active Travel* li tressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana f'laqgħa numru wieħed li nżammet sena ilu f'Jannar 2021. Intqal li għal dan il-proġett hemm fond ta' 25 elf euro.

  Is-Sindku qal li għal darba oħra l-Kunsill ma ġiex infurmat b'dan il-proġett li ġie approvat mir-Reġjun Tramuntana aktar minn sena ilu. Dwar dan il-Kunsillier Daryl Connor, ir-rappreżentant tal-Kunsill fuq il-kumitat, qal li kull ma kien studju u qatt ma ġie diskuss.

  Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-minuta tal-laqgħa numru wieħed li nżammet f'Jannar 2021 li turi li s-suġġett ġie diskuss u approvat. Irrimarka, li hemm ħtieġa li wieħed jibda jaħseb fuq titjib ta' infrastruttura maħsuba li tgħin jiżdied il-mixi u sewqan bir-roti qabel jitwaħħlu t-tabelli.

- **Laqgħa Annwali 5 ta' Diċembru 2021 – Interventi mill-pubbliku preżenti**
  Is-Sindku ppreżenta kopja ta' l-interventi li saru mill-pubbliku fil-laqgħa annwali li nżammet nhar l-5 ta' Diċembru 2021.

- ***Local Council Clearance* for PA/07961/21 (*Sanctioning of Qawra Primary School*)**
  Is-Sindku nforma li mmedjatament li rċieva l-imejl hu ċempel lill-Perit mill-Fondazzjoni għal l-Iskejjel ta' Għada u nfurmah li hu stess kien ġibed l-attenzjoni għal dan in-nuqqas waqt li x-xogħlijiet kienu għaddejja. Fakkar, fl-impenn li kien sar mill-Fondazzjoni dwar li l-parkeġġ jinfetaħ għall-pubbliku għandu jiġi onorat mill-aktar fis possibbli.

  L-applikazzjoni PA/07961/21 tagħmel referenza għall-kummenti ta' Transport Malta fejn din l-Awtorita' qalet li Triq il-Port Ruman wiesa' 4.7 metri u għalhekk ma hijiex adekwata li tieħu traffiku f'żewġ direzzjonijiet. Ipproponew li ssir *one-way*.
  Il-Kunsill qabel li jinfetħu diskussjonijiet mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta'Għada .

- **Laqgħa 12 ta' Jannar 2022 re. Avviż Legali 146 tal-2021**
  Il-Kunsill ġie nformat li nżammet laqgħa bejn l-ERA, AKL u l-Kunsill rigward L.N.146/21, fejn l-ERA baqgħet tinsisti li l-Kunsill jipprovdi 16 il-faċilita biex jitpoġġew 4 kontenituri tar-riċiklaġġ f'kull sit madwar il-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar. Informaw li l-ammont ta' spetturi tagħha żdiedu u l-Kunsill jista jibgħat jinforma fejn hemm *hot spots* biex jiġu ssorveljati.

  Is-Sindku nforma li f'din il-leġiżlatura l-Kunsill ipprovda faċilita fil-Wardija u fi Triq il-Port Ruman, b'tal-aħħar tneħħit ftit ilu konsegwenza ta' abbuż kontinwu, dan meta hemm CCTV installata. Irrimarka, dwar in-nuqqas ta' infurzar ta' liġijiet fejn f'6 xhur il-LESA ħarġu 50 taħrika biss dwar rimi ta' skart illegali. Stieden lill-ERA biex tibgħat lill-Kunsill rendikont simili dwar

San Pawl il-Baħar. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Chris Vella Petroni, Paul Bugeja u Stephen Cremona iressqu proposti ta' siti biex jiġu kkunsidrati.

- **Ċirkulari 01/2022 - Allokazzjoni Finanzjarja għall-2022**
  L-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2022 żdiedet u saret 2,072,909 euro li 134,686 euro ġew ivvutati għall-Burmarrad.

**40.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet x'jitwieġbu.

**40.6 Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

40.6.1 Rapport tal-Perit dwar il-*Pill Box* –

L-Awtorita' ta' l-Ippjanar eseġit li apparti r-restawrar tal-*pill box* jeħtieġ li jsir tisbiħ fl-akkwata ukoll. Dan fisser li l-istima oriġinali tal-24 ta' Awwissu 2021 għal ammont circa ta' 32,000 euro telgħet għal 141,000 euro. U dan ma jinkludiex l-53,755 euro għall-għamara u d-dawl. Konsegwenza li l-estimi jaqbżu bil-kbir il-baġit ippjanat, il-Kunsill iddeċieda li x-xogħlijiet jiġu posponuti sakemm jinstabu l-fondi. Is-Sindku 'nforma li konsegwenza ta' hekk, il-fondi tal-GalMajistral allokati għal dan il-proġett mhux se jibqaw disponibbli.

40.6.2 Rapport dwar *re-evaluation Walkway Balcony*
Ir-rapporti tekniċi sottomessi miż-żewġ offerenti għaddew għand il-Perit tal-Kunsill biex jagħti l-parir tiegħu. Il-Kunsill innota li l-proċess qed jitwal bla bżonn u għalhekk saret premura biex iċ-Ċerpersin tal-Bord il-Kunsillier Daryl Conner jiżgura li s-sejħa għall-offerti inkwistjoni tiġi konkluża sal-laqgħa li jmiss. Kien hemm qbil li s-suġġett jerġa jittella' fil-laqgħa li jmiss.

40.6.3 **Rapport ta' Ġemellaġġ** –
Il-Viċi Sindku Carlos Zarb ippreżenta rapport għall-ġemellaġġ ma Oroslavje fil-Kroazja. Spjega punti komuni għal dan il-ġemellaġġ fosthom it-turiżmu u l-aspett kulturali u sportiv. Il-ġemellaġġ huwa ntiż li jiftaħ orizzonti ġodda ma lokalita' f'pajjiż li qed jevolvi f'bosta oqsma. Informa lill-Kunsill dwar stedina verbali, fejn ġie mistieden is-Sindku u Membri tal-Kunsill għall-ftuħ uffiċjali tal-proġett ta' teatru *performing arts* li se jinżamm bejn l-aħħar ġimgħa ta' Frar u l-ewwel ġimgħa ta' Marzu 2022. Ippropona li r-rapport jiġi approvat u li jekk id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali japprova jitilgħu 3 persuni.
Il-Kunsill approva diment li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali iwieġeb fl-affermattiv bis-Sindku, il-Viċi Sindku u rappreżentant mill-uffiċju amministrattiv jirrappreżentaw lill-Kunsill.

40.6.4 **Rapport *RFQ payroll system*** -
ISB Technology bagħtu l-irħas offerta 1,325 euro + VAT fis-sena u għaldaqstant intalbu li jagħmlu dimostrazzjoni kif taħdem is-sistema. Is-Sindku ressaq mozzjoni biex jekk il-*payroll*

*system* inkwistjoni ma tinstabx li taqdi l-ħtiġijiet tal-Kunsill, tintalab li ssir dimostrazzjoni minn min bagħat it-tieni l-irħas offerta.
Il-Kunsill approva.

40.6.5 **Rapport dwar dwal ta' Triq it-Trunċiera**
Inżammet spezzjoni mill-Inġinier Galea Curmi u l-Kunsillier Stephen Cremona biex tissaħħaħ is-sistema tad-dawl ta' Triq it-Trunċiera, fil-parti minn Triq it-Trill sa quddiem l-akkwarju. Ġie ssuġġerit, li jinbidlu l-*fittings* tal-lampi *Metal Halide* ma *LED's* għax iddeterjoraw, li jinbidlu l-lampi *SON* li fadal ma *fittings* moderni b'lampi *LED* li jikkunsmaw anqas dawl u jekk meħtieġ jitwaħħlu arbli ġodda. Ġie pproponut ukoll li ssir applikazzjoni mal-Awtorita ta'l-Ippjanar biex jinkisbu fondi għal dan l-għan.
Il-Kunsill approva nem.con.

**40.7 Pulizija tal-Komunita'** –
Is-Sindku nforma, li fis-6 ta' Jannar 2022, flimkien mal-Viċi Sindku u l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv żamm laqgħa ta' informazzjoni mas-Supretendent tal-Pulizija P.Caruana, l-Ispettur Gatt u s-Surġent Zammit mit-taqsima Pulizija tal-Komunita'. Intqal li t-taqsima Pulizija tal-Komunita' ma bditx topera b'mod uffiċjali għar-raġuni li membri ta' tas-sezzjoni qegħdin jgħinu taqsimiet oħra li ġew affetwati bil-pandemija. Issemma ukoll li l-Kunsill ta l-għajnuna kollha possibbli fit-tindif tal-Għassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Baħar.

**40.8 Vaganza Skrivani Skala 15 *Notch* 3**
Is-sejħa pubblika ħarġet u jistaw japplikaw dawk il-persuni li jirreġistraw *part* 1 u 2.

Is-Sindku Alfred Grima talab sospensjoni ta' l-aġenda biex il-*performance bonus* jiġi diskuss fl-aħħar nett ta' l-aġenda biex ma jkunx hemm interruzzjoni fil-*live streaming*. Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-proposta. Il-Kunsill approva nem.con.

**40.9 Performance Bonus – Ħaddiema tal-Kunsill u Sekondati**
Is-Sindku Alfred Grima talab sospensjoni ta' l-aġenda biex il-*performance bonus* jiġi diskuss fl-aħħar nett ta' l-aġenda biex ma jkunx hemm interruzzjoni fil-*live streaming*. Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-proposta. Il-Kunsill approva nem.con.

40.9.1 **Impjegati tal-Kunsill**

Il-Kunsill approva li l-*bonus* jingħata l-massimu u li l-ħaddiema jiġu nformati li l-*bonus* jingħata *full bons fede*.

40.9.2 **Ex-Segretarju Eżekuttiv**
Minħabba id-data protection saret diskussjoni fil-magħluq.

40.9.3 **Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv**

L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv intalbet tħalli l-kamra sakemm jiġi diskuss il-*performance bonus*.

Il-Kunsill approva li tingħata l-massimu skond dak iddettat mill-ligi.

40.9.4 **Impjegati sekondati mal-Kunsill**

Il-Kunsill approva li l-*bonus* jingħata l-massimu u li l-ħaddiema jiġu nformati li l-*bonus* jingħata *full bons fede.*

**40.10 Applikazzjonijiet mal-Awtorita ta' l-Ippjanar**

Ma kienx hemm applikazzjonijiet x'jiġu diskussi.

**40.11 GalMajjistral ftuħ ta' kontijiet bankarji – Central Bank**

Il-Kunsillier Graziella Galea iddikjarat li hi Membru fuq il-Kumitat GalMajjistral u għalhekk ma pparteċipatx fid-diskussjoni. Is-Sindku Alfred Grima ressaq riżoluzzjoni biex il-Kunsill jiftaħ kontijiet bankarji mal-Bank Ċentrali għall-proġetti tal-GalMajjistral. Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-proposta.
Il-Kunsill approva.

**40.12 Infrastruttura**

Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill ħareġ *works orders* inkluż li saru diversi *reminders* u telefonati biex il-Kuntrattur tal-Kunsill Road Servicing Limited iwettaq ix-xogħlijiet skond l-obbligi tiegħu, dawn baqaw ma sarux.

Informa ukoll li hu ta' *ultimatum* li jekk ix-xogħlijiet sal-bażi tal-konkos, u tranġar ta' bankini fi Triq Port Ruman kantuniera ma Triq Ġdida fi Triq it-Tamar u fi Triq Jean de la Cassiere kantuniera ma Triq San Ġorġ ma jsirux sal-aħħar ta' Jannar 2022 se jibdew jinħarġu d-*default notices*.

Dwar Triq il-Gandoffli, is-Sindku nforma li hemm ħsarat ferm aktar minn 50 metru kwadru u għalhekk il-Perit intalab jagħmel *bill of quantities* biex jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq mozzjoni li ġie ssekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb, biex b'rispett lejn is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni, id-daqs tal-*patching* li jista jsir mingħajr il-ħtieġa ta' approvazzjoni tal-Kunsill jiżdied minn 50 metru kwadru għal 100 metru.
Il-Kunsill approva nem.con.

Dwar ix-xogħolijiet konnessi ma Triq il-Kaħli, il-Kunsilliera Paul Bugeja u Graziella Galea iddikjaraw konflitt ta' interess minħabba li huma Direttur u Perit ta' Infrastruttura Malta rispettivament.

Fl-14 ta' Diċembru 2021, inżammet laqgħa bejn il-Perit R. Bonnici għan-nom ta' Infrastruttura Malta, il-Kuntrattur responsabbli mix-xogħolijiet Road Servicing Limited u l-Kunsill. Ġie kkonfermat, li x-xogħlijiet fi Triq il-Kaħli, inkluż bdil ta' servizzi se jibdew fl-ewwel ħmistax il-jum tas-sena 2022, b'Infrastruttura Malta responsabbli li tikkuntatja lill-entitajiet inkwistjoni u li x-xogħlijiet se jsiru mir-*roundabout* eżistenti sa Triq il-Mosta ( *service road* ), bil-Kunsill huwa mistenni li jinforma lir-residenti permezz ta' ittra.

**40.13 Abbozz ta' ftehim ma Green MT**

Il-Kunsill qed jistenna risposta mingħand l-Avukat tal-Kunsill David Bonello.

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

**40.14 Bust ta' tifkira**

Is-Sindku qal li wara l-inċident tat-taffiku li seħħ fl-aħħar jiem fl-inħawi tal-ponta tal-Qawra jħoss dover, li f'isem il-Kunsill isellem lil Dr Victor Calvagna, li ħalla din id-dinja. Ippropona, li l-Kunsill jikkummissjona bust ta' tifkira biex jitqiegħed fl-akkwati bħala ġest u turija ta' ringrazzjament għal wens u l-għajnuna tiegħu lill-poplu Malti, inkluż residenti Pawlin kif ukoll għall-ħidma tremenda tiegħu fil-qasam mediku. Il-Kunsillier Paul Bugeja 'ssekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem con.

**40.15 Tindif u moniteraġġ tal-baħar**

Il-Kunsillier Stephen Cremona ppreżenta *brochure* ta' *drones* moderni li jgħinu fit-tindif u moniteraġġ tal-baħar. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill approva li l-Kunsilliera Stephen Cremona u Chris Vella Petroni jingħataw l-inkarigu li f'isem il-Kunsill jesploraw il-possibbilita' li entitajiet privati jikkontribwixxu b'xi mod fit-tħaddim u l-manteniment ta' *drones* simili jew xiri ta' *dinghy* fl-ewentwalita li l-Kunsill japprova x-xiri u/jew l-użu tagħhom fil-lokalita'.

**40.16 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi.**

**40.16.1 *RFQ* - Fumigazzjoni tal-uffiċċju tal-Kunsill**
L-irħas offerta mitfuħa kienet ta' 100 euro + vat.
Il-Kunsill approva nem con.

**40.16.2 *RFQ* – Ħruġ ta' sejħa pubblika - Xiri ta' 6 siġġijiet għall-uffiċċju Amministrattiv**
Il-Kunsill approva nem con.

**40.16.3 *RFQ* – Ħruġ ta' sejħa pubblika - Xiri ta' servizz *Team Building***
Il-Kunsill approva nem con.

**40.16.4 *RFQ* – Titjib *APP* għall-Iskart Goff - *Automated Bulky Refuse Collection System***
Inħasset il-ħtieġa li titwessa sal-massimu l-użu tal-funzjoni ta' l-*APP* għall-*booking* tas-servizz tal-iskart goff. B'hekk jitnaqqas ix-xogħol għall-ħaddiema.
Investiment meħtieġ 225 euro + vat u circa ta' 150 euro + vat f'riklamar.
Il-Kunsill approva nem con.

**40.16.5 *RFQ* – Sejħa pubblika - Xiri ta'materjal għall-Sprall fi Triq il-Korp tal-Pijunieri**
Il-Kunsill approva x-xiri ta' materja prima biex jitranġa l-isprall eżistenti fi Triq il-Korp tal-Pijunieri b'valur massimu ta'1,000 euro.

**40.16.6 – Tindif ta' sprall fi Triq il-Pwales**
Il-Kunsill approva li jsir tindif tal-isprall mill-ħaddiema tal-Gvern u li jagħmlu x-xogħlijiet inkwistjoni bl-*ovetime*.

**40.16.7 - Installazzjoni ta' CCTV's fi Ġnien Bertu u Tumas Gauci**
Il-Kunsill approva stima ta' 1,042.20 + VAT għall-installazzjoni ta' CCTV's

fi Ġnien Bertu u Tumas Gauci, liema rati jappartjenu mis-sejħa gżall-offerti li nħarġet mir-Reġjun Tramuntana. Il-Kunsill ġie notifikat li għal darb'oħra sar vandaliżmu fl-apparat għalkemm il-bandli huma magħluqa b'katina għal pubbliku sakemm jaslu l-*parts*.

**40.17 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti – skeda 1**

Inġibdet l-attenzjoni li l-ammont globali jeċċedi t-total ta' l-*invoices*. Għaldaqstant għandu jiġi vverifikat dan il-fatt qabel isiru l-pagamenti.
Is-Sindku Alfred Grima ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda ta' pagamenti perjodu 10/12/2021 – 01/01/2022. Il-Kunsillier Anthony Delia issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva.

**40.18 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiem fit-8.27 ta' filgħaxija u aġġornata għall-Ġimgha 11 ta' Frar 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Alfred Grima
Sindku

Elke Sghendo
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv